MALTA

# QORTI CIVILI

## PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF

### JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-3 ta' Awwissu, 2009

Rikors Numru. 458/2009

Howard Stanley **KREISS**

vs

Patrick **ZRINZO**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fit-13 ta' Mejju, 2009, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, Patrick Zrinzo (aktar 'il quddiem imsejjaħ "l-eżekutat") talab li din il-Qorti tħassar *contrario imperio* d-degriet tagħha (diversament presjeduta) tad-19 ta' Awissu, 2008[1], li ċaħad talba magħmula mill-istess rikorrent eżekutat taħt l-artikolu 836 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta biex jitħassar il-Mandat ta' Inibizzjoni fuq imsemmi[2] milqugħ provviżorjament fl-14 ta' Awissu, 2008, u b'mod definittiv fid-19 ta' Awissu, 2008;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimat eżekutant Howard Stanley Kreiss fid-9 ta' Lulju, 2009, li biha laqa' għat-talba tal-eżekutat Zrinzo, billi qal li ċ-ċirkostanza maħluqa mill-eżekutat seħħet sewwasew wara li kien inħareġ il-Mandat u meta kien jaf li kien hemm ordni minn Qorti biex iżżommu milli jbigħ il-fond li dwaru kien inħareġ il-Mandat. Isemmi wkoll raġunijiet oħrajn li huwa ressaq fi Tweġiba oħra għal talba biex jitħassar Mandat kawtelatorju ieħor[3];

Illi l-Qorti jidhrilha xieraq, qabel kull ħaġa oħra, li tistħarreġ kwestjoni proċedurali ta' siwi ewlieni. Dan qiegħda tagħmlu għaliex is-siwi ta' att ġudizzjarju huwa wieħed ta' ordni pubbliku u jista' jitqanqal minn Qorti wkoll *ex ufficio*;

---

[1] Fl-Attt tar-Rikors Nru. 838/08JDC
[2] Rik. Nru. 1279/08JDC
[3] Rik. Nru. 487/09JRM (li l-provvediment dwaru qiegħed jingħata llum ukoll)

Illi għalkemm ir-rikors imressaq mill-eżekutat Zrinzo issemma bħala wieħed ta' revoka, fis-sewwa jrid jingħad li huwa talba biex din il-Qorti tħassar *contrario imperio* degriet li naqas li jilqa' talba għal tħassir ta' Mandat kawtelatorju (fi kliem ieħor, huwa provvediment li żamm fis-seħħ dak il-Mandat kawtelatorju);

Illi m'hemm l-ebda dubju li d-deċiżjoni ta' Qorti li tilqa' jew tiċħad talba għall-ħruġ ta' Mandat kawtelatorju hija degriet u mhux sentenza. Hemm żewġ għamliet ta' proċeduri maħsuba għal min irid jattakka degriet b'appell. Dawn il-proċeduri jiddependu minn jekk id-degriet huwiex wieħed kamerali[4], jew interlokutorju[5]. Il-liġi tagħmilha ċara li d-degriet interlokutorju ma jorbotx lill-Qorti li tkun tatu, u tista' tibdlu *contrario imperio* jekk kemm-il darba tinġieb raġuni tajba biex twassal lill-Qorti li tkun tatu li titbiegħed minnu[6]. Fil-każ il-wieħed u l-ieħor, il-liġi tippreskrivi wkoll l-att li bih tali appell jew kontestazzjoni tista' ssir: f'tal-ewwel, l-att huwa r-Rikors Maħluf, f'tat-tieni r-Rikors. B'żieda ma' dan għandu jingħad ukoll li l-artikolu 161(1) tal-Kap 12 jistabilixxi li l-proċedura ordinarja fi proċedimenti quddiem din il-Qorti hija r-Rikors Maħluf. Ta' min isemmi wkoll f'dan il-waqt dak li jipprovdi l-artikolu 164(1) tal-Kap 12, dwar x'jiġri meta kawża li jmissha tinġieb b'Rikors Maħluf tinġieb minflok b'rikors;

Illi l-proċedura biex wieħed jattakka jew jibdel degriet li jkun laqa' talba għall-ħruġ ta' Mandat m'hijiex waħda li bdiet tintuża issa jew f'dawn l-aħħar snin: hemm sensiela ta' każijiet fejn il-Qrati tagħna qiesu talbiet bħal dawn u,

[4] Art. 173 tal-Kap 12
[5] Art. 229 tal-Kap 12
[6] Art. 230 tal-Kap 12

partikolarment, l-għamla ta' proċedura meħtieġa. Kemm hu hekk, tqies li digriet li bih Qorti tkun laqgħet talba għall-ħruġ ta' Mandat kawtelatorju m'huwiex la wieħed definittiv u lanqas wieħed interlokutorju, ukoll jekk jingħata wara li l-Qorti tkun semgħet lill-partijiet[7]. Degriet bħal dak ma jtemmx il-kontroversja bejn il-partijiet u lanqas jorbot lill-ġudikant, u lanqas ma huwa parti inċidentali tal-ġudizzju, imma jagħmel biss parti mill-atti tal-Mandat relattiv, u mhux parti mill-atti tal-kawża, imma jeżawrixxi ruħu bil-ħruġ tiegħu;

Illi, għalhekk, ladarba mhux degriet interlokutorju, ma jistax isir appell minnu quddiem il-Qorti tal-Appell[8]. Dan iwassal għall-konklużjoni li, fejn rimedju huwa mogħti, d-degriet li jilqa' talba għall-ħruġ ta' Mandat jista' jitħassar biss mill-istess Qorti li tkun tatu, fuq talba li ssirilha b'Rikors Maħluf wara li tqis jekk hemmx raġuni tajba biex tħassar jew tibdel digriet bħal dak[9];

Illi għalhekk, f'każijiet fejn ma japplikawx l-estremi tal-artikolu 836(1) tal-Kap 12 (bħal f'dan il-każ, għaliex l-artikolu 836(5) jgħodd biss f'ċirkostanzi fejn it-talba għat-tħassir ta' Mandat tkun intlaqgħet), it-tifsira li jidher li għandha tingħata għal min irid jattakka digriet li bih jinħareġ Mandat kawtelatorju hi li dan għandu jressaq talba permezz ta' Rikors Maħluf[10]. Billi l-proċedura speċjali sommarja mfissra fl-imsemmi artikolu 836 tapplika biss għaċ-ċirkostanzi speċifiċi hemm imsemmija, ma jistax jingħad li din warrbet rimedju li kien

[7] Ara App. Ċiv. **10.8.1953** fil-kawża fl-ismijiet ***Baldacchino et vs Bellizzi*** (Kollez. Vol: **XXXVII.i.519**)
[8] App. Ċiv. **8.2.1946** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ vs Chetcuti et noe*** (Kollez. Vol: **XXXII.i.340**)
[9] Ara App. Kumm. **26.6.1987** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Bonello noe vs Emanuel Ellul noe*** u l-għadd ta' deċiżjonijiet imsemmijin fiha
[10] App. Ċiv. **8.5.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Josef Gatt vs Marisa Gatt***

jeżisti qabel għat-talba ta' tħassir ta' degriet bħal dak għal raġunijiet li ma ġewx inkorporati f'dik il-proċedura sommarja;

Illi minħabba li l-att li bih l-eżekutat Zrinzo beda din il-proċedura huwa r-Rikors sempliċi, jsegwi li dak l-att huwa milqut minn nullita' formali radikali li ma tistax tissewwa b'xi mod ieħor maħsub mil-liġi proċedurali għaliex taqa' taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 789(1)(ċ) tal-Kodiċi Proċedurali;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Ssib li l-proċedura meħuda mir-rikorrent Zrinzo ma tiswiex** għaliex milquta minn nullita' formali, u għalhekk qiegħda teħles lill-intimat eżekutant Kreiss mill-osservanza tal-ġudizzju, bi spejjeż għall-istess rikorrent.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------